MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 951/2002

**Kawza Nru:**

**Rikors Nru:  951/02 JA**

**Av. Dr. Andrew Borg Cardona bhala mandatarju tas-socjeta' estera Rothmas of Pall Mall Ltd.**

**-vs-**

**Thomas Smith & Co. Ltd.**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-citazzjoni mressaq fil-21 t' Awissu, 2002, li fih l-attur nomine ppemetta:

Illi l-attur fil-kwalita' tieghu bhala mandatarju tas-socjeta' estea Rothmas of Pall Mall Limited huwa detentur tad-drittijiet intelletwali fil-marka *Rothmans*.

Illi l-konvenuti huma *declerants* fis-sens rikjest mill-Kap 414 ta' konsenja sigaretti li waslet Malta u nzammet mid-Dwana fit-2 t' Awwissu 2002, liema sigaretti jigibu l-marka *Rothmans* izda liema sigaretti huma foloz (*counterfeit*).

Illi l-attur nomine ghandu interess illi tali sigaretti ma' jidhlux fis-suq.

Ghalhekk l-attur nomine jitlob lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex:

1. Ma ghandux jigi ddikjara illi s-sigaretti *de quo* huma foloz bi ksur tal-Kap 416 a dannu ta' l-attur;

2. Ma ghandux jigi ordnat illi s-sigaretti *de quo* jigu distrutti fi zmien perentorju li jigi ffissat mill-Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti imharkin minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjrazzjoni mahlufa w il-lista tax-xhieda ta' l-attur nomine.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta li fiha esponew:

1. Illi l-esponenti m' hijiex il-proprjetarja tal-merkanzija li taghha qed jintalab id-distruzzjoni, u agixxiet biss bhala *handling agent*.

2. Illi l-merkanzija giet esportata lejn Malta mill-kumpannija Jarka Trading Co. Ltd., ta' 23 F, 78, Gloucester Road, Wanchai, Hong Kong.

3. Illi skond il-polza ta’ karigu l-persuna li kellha tigi notifikata mal-wasla tal-container f’ Malta kienet Customs Agency Ltd., Numru 23, Liesse Hill, Valletta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 t’ Otturbu, 2003 li permezz tieghu l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-llum.

**Ikkunsidrat:**

Li l-attur nominee qed jitlob dikjarazzjoni li s-sigarretti in kwistjoni huma foloz u qed jitlob id-distruzzjoni taghhom. Is-socjeta’ konvenuta qed tghid sempliciment li hija agixxiet ghan-nom ta’ socjeta’ estera. Ghalhekk il-provi li saru mill-attur nominee permezz tad-dikjarazzjoni guramentata tieghu u tad-dokument ezebit mhumhiex kontradetti.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti **tilqa’ t-talbiet attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta u tordna li s-sigaretti jigu distrutti fi zmien hmistax il-gurnata millum.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------